MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 377/2004

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman**
**bhala mandatarja specjali tas-socjeta' estera**
**Tecnacom Europe BV u in rapprezentanza tal-istess**

**Vs**

**Renato Griscti f'ismu proprju**
**ezergenti l-kummerc fl-isem id-ditta Vision 2000**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlettax il-elf, mija u tlieta u hamsin punt sitta u erbghin Euro (EUR13,153.76) liema somma hija (bir-rata tal-kambju tal-lum) ekwivalenti fi flus Maltin

ghal cirka hamest elef, erba' mija u tmenin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm5,480.73), liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' merci mibjugha lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-istess konvenut, liema merci huma deskritti fil-fatturi relattivi bin-numri rispettivi 20013141, 20013189, 200230165, 200230322 hawn annessi u markati bhala Dokumenti A1 sa A4;

U peress illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva hawn fuq indikata l-konvenut xorta baqa' nadempjenti;
U peress illi, fil-fehma tas-socjeta' attrici, dan id-dejn huwa veru, cer, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet xi jgib ghat-talba ghall-hlas tas-socjeta' attrici;

U peress illi, ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta' attrici tipprocedi kontra l-konvenut bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed jaghmel;

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti fi flus Maltin ghal tlettax il-elf mija u tlieta u hamsin punt sitta u sebghin Euro (EUR15,153.76), dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ghall-ittra ufficjali datata 15 ta' Mejju, 2003 (Dok. D) u tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi relattivi (Dokument "Ai sa A4") sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attrici nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci.

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni ghall-ammont ta’ tlettax il-elf mija u tlieta u hamsin punt sitta u sebghin Euro (EUR15,153.76), ekwivalenti ghal sitt elef erba’ mija tmienja u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------